# Patri Ġwann Schranz O.F.M. - 50 Sena Saċerdot (1949 - 1999)

Fost il-membri tal-Komunita' tal-Patrijiet Franġiskani ta' Tas-Sliema, nsibu lill-Patri Ġwann Schranz O.F.M., li din is-sena qed ifakkar il-Ġublew tad-deheb ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali. Fil-fatt huwa ġie ordnat saċerdot lejlet il-Festa ta' Pentekoste fil-11 ta' Ġunju, 1949.

Iben John Schranz u Josephine nee' Grungo, Anton Schranz twieled f'Tas-Sliema fit-28 ta' Novembru, 1921, fi Triq il-Prinċep ta' Wales (illum Manwel Dimech). Anton Schranz kien iż-żgħir fost 12-il aħwa li minnhom tlieta mietu żgħar.

Anton Schranz trabba f'Tas-Sliema fejn attenda l-Iskola Primarja u kien ukoll wieħed mill-abbatini tal-knisja parrokkjali tal-Madonna tas-Sacro Cuor, flimkien ma' Ġużeppi Schembri, (msejjaħ minn ommu Ġużi), illum P. Guido Schembri OFM u Emmanuele Zammit, illum P Raniero Zammit OFM Cap. Billi kellu vuċi tajba Anton Schranz kien jieħu sehem fil-kant tal-knisja l-ewwel taħt id-direzzjoni ta' Patri Ġann Saliba OFM u wara taħt id-direzzjoni ta' Patri Karlu OFM.

## Triq għas-Saċerdozju

Fis-snin 30, il-Patrijiet Franġiskani kienu qed jaħsbu sabiex ikabbru l-Knisja Parrokkjali. Patri Ġann Saliba kien imur jiġbor għand il-familja Schranz. Kien huwa li ta liċ-ċkejken Anton kopja tal-ħajja ta' Sant'Antnin. Is-Sur Ġann Schranz qara dan il-ktieb liċ-ċkejken Anton, u kien dan il-ktieb li kabbar fih il-vokazzjoni sabiex jingħaqad ma' l-Ordni Franġiskan.

Iltim minn missieru li ħallieh żgħir, Anton Schranz fl-1 ta' Ottubru 1933 daħal fl-ewwel klassi tal-Liceo fejn dam sa Ġunju 1940 meta bdiet il-gwerra.

F'Ottubru 1940, Anton Schranz ngħaqad ma' l-Ordni Franġiskan, u ħa l-isem ta' Ġwanni. Sena wara fit-12 ta' Ottubru 1941 għamel il-Professjoni Sempliċi. Billi kien żmien il-gwerra wara n-Novizzjat kompla l-istudentat tiegħu f'Għawdex. Fl-1943, flimkien ma' sħabu Fra Ġwann Schranz ġie lura Malta fil-kunvent tal-Belt, fejn kompla l-istudju tal-Filosofija u tat-teoloġija, u fl-1 ta' Novembru 1944 għamel il-Professjoni Solenni fi ħdan l-Ordni.

## Saċerdot

Fra Ġwann Schranz ġie ordnat Saċerdot mill-Arċisqof Metropolita' Mons Mikiel Gonzi, lejlet il-Festa ta' Pentekoste nhar il-11 ta' Ġunju 1949, fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesu', l-Belt Valletta. Dakinhar Mons Arċisqof ordna disa' Studenti Franġiskani, fosthom lill-Patri Vincenz Galea OFM u lill-Patri Nerik Cassar OFM. Is-Saċerdot Novell Ġwann Schranz iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-knisja Parrokkjali tagħna nhar is-Sollenita' taq' Corpus Domini u dakinhar ippriedka Patri Tarcisju Xerri OFM.

## Studju u Tagħlim

Wara l-Ordinazzjoni Patri Ġwann mar jistudja Ruma, fejn dam sa l-1952. Huwa studja fl-Antonianum minn fejn ngħata d-Dottorat fit-Teoloġija. Huwa speċjalizza fl-Istorja tal-Knisja. Malli ġie lura Malta fl-1952, beda jgħallem l-Istorja tal-Knisja lill-istudenti Franġiskani, xogħol li baqa' jwettaq sa l-1967. Matul dawn is-snin huwa ta s-servizz tiegħu fil-kunventi ta' Tas-Sliema u tar-Rabat, u kellu wkoll il-kariga ta' Gwardjan fil-kunvent tar-Rabat.

## Il-Missjoni fl-Amerka Ċentrali (1967 - 1985)

Billi l-Patrijiet Franġiskani Maltin kellhom missjoni fl-Amerka Ċentrali, fil-Gwatemela, El Salvador u l-Honduras, fl-1967 Patri Ġwann talab u qala' l-permess sabiex imur f'din il-missjoni, fejn wasal fl-1968 u dam sa l-1985. Għal Patri Ġwann, dawn kienu l-isbaħ snin ta' ħajtu. Hemmhekk huwa wettaq xogħol pastorali u fost il-parroċċi li ħadem fihom kien hemm dik ta' Sant'Anna fil-Honduras fejn dam Kappillan tmien snin (1970 - 1978). Sabiex iwettaq ix-xogħol pastorali Patri Ġwann kien jivvjaġġa biż-żiemel, u kellu jitgħallem il-lingwa Spanjola.

## Lura f'Malta

Fl-1985 fl-eta' ta' 63 sena, Patri Ġwann ġie lura Malta, u ftit wara ġie assenjat fid-Dar ta' l-Irtiri f'Baħar iċ-Ċagħaq, fejn kien jagħti s-sehem tiegħu.

Wara l-kapitlu ta' l-1990, Patri Ġwann ġie assenjat fil-Kunvent ta' Tas-Sliema. Minkejja l-eta' ta' 77 sena, Patri Ġwann għadu jagħti s-servizz tiegħu fil-Knisja Parrokkjali u fil-Parroċċa regolarment, bil-quddiesa tal-ħin, il-konfessjonarju u bħala Direttur Spiritwali ta' erba' Praesidia tal-Legjun ta' Marija - tax-Xebbiet, tan-Nisa, tas-Subien u tal-Bniet, u tad-Djakonija Anzjani. Iżda barra minn dan huwa jqarar fi skola, u f'lukanda f'Buġibba. F'din l-okkażjoni sabiħa tal-Ġublew tad-Deheb, filwaqt li nirringrazzjaw lil Alla għas-servizz li qiegħed jagħti lill-Parroċċa, f'isem il-Membri kollha tal-Kummissjoni Festi nawguraw lil Patri Ġwann, lil Patri Vincenz Galea u lil Patri Nerik Cassar għall-ħidma li taw u għadhom jagħtu lill-komunita' tagħna. AD MULTOS ANNOS.

**Winston L. Zammit**

